MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 572/2000/1

*Lino, Henry u Aldo ahwa Micallef f' isimhom proprio u f' isem id-ditta Lux Printing Press – Anthony Micallef & Sons.*
*Vs*
*Bank of Valletta plc. u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2000 giet kjamata in kawza is-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited.*

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-atturi wara li ppremettew: illi b' sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 1994 fil-kawza Lino Micallef et vs John Dacoutros [citaz nru 973/88] l-atturi odjerni gew kanonizzati kredituri tas-socjeta' Dacourtos Company Limited fis-somma ta' Lm838 oltre l-imghaxx u spejjez gudizzjarji; illi s-socjeta' Dacoutros Company Limited biddlet isimha ghal Teknika Consult Marketing Limited; illi fl-10 ta' Mejju 1999 l-atturi ottjenew l-ispedizzjoni ta'

mandat ta’ sekwestru ezekuttiv [mandat 2252/99] kontra s-socjeta’ debitrici, f’ idejn il-konvenut odjern bhala sekwestratarju; illi b’ ittra ufficjali datata 22 ta’ Lulju 1999 l-atturi talbu lill-konvenut jiddikjara xi flus ghandu f’ idejh tad-debitur sekwestrat u biex f’ faz affermattiv jiddeposita l-istess flus; illi b’ kuntratt datat 4 ta’ Awissu 1999 konservat fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja l-konvenut akkwista proprijeta’ minghand is-socjeta’ Teknika Consult Marketing Limited bi prezz ta’ Lm1,280,000 u wara li gew pacuti xi bilanci bejn il-partijiet ghall-kuntratt, il-konvenut odjern hallas lis-socjeta’ Teknika Consult Marketing Limited is-somma ta’’Lm132,746.93 u dan minkejja li kien hemm il-mandat ta’ sekwestru; illi minhabba f’ dan l-agir tal-konvenuta atturi sofrew danni irreparabbli; illi ghalkemm interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talbu li l-konvenut jghid ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti: 1. Tiddikijara il-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba l-agir tal-konvenut; 2.tillikwida d-danni sofferti occorrendo permezz ta’ periti nominandi; 3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas dawk id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament ir-rimedju mitlub m’huwiex dak indikat mill-ligili fl-artikolu 1155 tal-Kodici Civili jistipula espressament illi f’kaz illi l-premessi tac-citazzjoni huma minnhom, allura l-atturi ikollhom id-dritt ghall-pagament u mhux ghad-danni u ghalhekk it-talbiet attrici huma irriti u inammissibbli;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, huwa car anki mill-premessi tal-istess citazzjoni illi l-Bank kellu f’idejh biss flus tal-istess Bank u mhux tas-socjeta sekwestrata Teknika Consult Marketing Limited. Jekk il-Bank hallas xi somma ta’ flus, dawn kien flus tal-istess Bank u bl-ebda mod ma huma sekwestrabbli kif qed jippretendu l-atturi peress illi l-Bank kien tenut biss ma jghaddix lis-socjeta Teknika Consult Marketing Limited flus li kienu taghha u mhux flus li kienu tal-Bank;

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kif l-atturi diga gew informati, il-Bank hallas kredituri ipotekarji u privileggjarji li d-drittijiet taghhom jippregradaw dawk tal-atturi u ghalhekk l-atturi ma setghu qatt isofru danni;
4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ghanha tigi kjamata in kawza f'dan l-istadju is-socjeta Teknika Consult Marketing Limited.

Rat li permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 2000 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited li permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet eccepiet:

1. Illi s-socjeta eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici stante illi, anke kieku l-premessi tac-citazzjoni kien minnhom, huwa l-bank konvenut li jrid ihallas mill-gdid ai termini tal-artikolu 1155 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti giet kjamata inutilment;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-flus li l-bank konvenut ghadda lis-socjeta` eccipjenti kienu jappartjenu lill-istess bank u ghalhekk ma kienux milquta mill-mandat ta' sekwestru *de quo*;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank konvenut hallas kredituri ipotekarji u privileggjarji li d-drittijiet taghhom jippregradaw dawk ta' l-atturi;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-assiem tal-provi rrizulta inkontestat li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 1994[1] l-atturi gew kanonizzati kredituri ta-socjeta' Dacoutros Company Limited, illum Teknika Consult Marketing Limited, fis-somma ta' Lm838 oltre imghaxijiet legali u spejjez gudizzjarji. Illi in segwitu, l-atturi ottjenew l-ispedizzjoni ta' mandat[2] ta' sekwestru esekuttiv kontra d-debitur u wiehed mis-sekwestretarji f' dan il-mandat kienet proprju l-konvenuta Bank of Valletta plc. li giet debitament notifikata bis-sekwestru fit-12 ta' Mejju 1999, u fis-27 ta' Lulju 1999 il-Bank gie notifikat ukoll b' ittra ufficjali fejn gie interpellat u imsejjah sabiex jiddeposita kwalunkwe flus appartenenti lid-debitur Teknika Consult Marketing Limited kjamat fil-kawza.

Illi permezz ta' kuntratt[3] datat 4 ta' Awissu 1999 fl-atti tan-Nutar Dr.Mario Bugeja, il-Bank of Valletta xtara minghand Teknika Consult Marketing limited proprjeta' immobbli versu l-prezz ta' Lm1,280,000 mill-liema somma din is-socjeta' inghatat biss is-somma ta' Lm132,746.93 stante li, fuq delega tal-istess socjeta', il-bank hallas mill-imsemmi prezz diversi kredituri indikati fl-istess kuntratt ta' bejgh.

Illi fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta' Frar 2003 John Dacoutros, l-uniku direttur tas-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited [gia' Dacoutros Company Limited] qal li wara li kienu thallsu l-ispejjez relattivi ghall-kuntratt u l-kredituri hemm indikati, is-socjeta' kien ghad fadlilha f' idejha bilanc ta' circa Lm40,000 li, skond l-istess xhud, gew impjegati mill-istess socjeta' biex jigu sodisfatti kredituri ohrajn u li sallum ghad hemm kredituri mhux imhallsa.

Illi a bazi ta' dawn il-fatti l-atturi qed isostnu li, nonostante li wara l-nqatghu l-ispejjez relattivi ghall-kuntratt u thallsu l-kredituri hemm indikati kien ghad fadal bilanc sostanzjali ta' flus f' idejn il-Bank, u nonostante li s-sekwestru kien ghadu in vigore u li l-Bank kien gie imsejjah sabiex

[1] Dok.LM3 – fol.55
[2] Dok.LM1 – fol.42
[3] Dok.LM4 – fol.72

jiddepozita flus li jkollu f' idejn tad-debitur sekwestrat, il-Bank konvenut "injora l-obbligi legali tieghu bhala sekwestratarju u ma zammx f' idejh l-ammonti indikati fis-sekwestru, anzi tahom lis-socjeta' debitrici, b' dannu lill-atturi rapprezentanti s-sorte, imghax u spejjez legali dovuta lilhom."[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Bank konvenut hija fis-sens li r-rimedju li kellu jigi mitlub mill-atturi, a bazi tal-premessi minnhom maghmula, kellu jkun dak kontemplat fl-Artikolu 1155 tal-Kap.16 li jghati dritt lill-atturi ghall-pagament, u mhux dak kontemplat fl-Artikolu 376 tal-Kap.12 li jghati dritt ghad-danni u imghax. Ghaldaqstant, il-konvenut qed isostni li "t-talbiet attrici huma irriti u inammissibbli". L-atturi minn naha taghhom qed isostnu in propositu li "ir-rimedju [kontemplat fl-Artikolu 1155] mhux tassattiv fis-sens li m' hemm xejn fil-ligi li b' xi mod jista' jimplika li dan huwa l-uniku rimedju li jista' jitlob it-terz…… u ghalhekk l-ghazla hija tal-parti li taghzel hi r-rimedju li jidhrilha".[5]

Illi in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, il-Bank konvenut, wara li kkontesta li l-ghazla tal-azzjoni kienet f' idejn l-atturi, ccita s-sentenza ta' din l-Qorti fl-ismijiet *Spiridione Borg et vs Onor.JA Galizia* deciza fit-28 ta' Novembru 1932[6] u afferma li l-argumentazzjoni tieghu hija bazata fuq insenjament gurisprudenzjali. In propositu l-Qorti tirrileva li, ghalkemm huwa minnu li f' dik is-sentenza gie deciz li l-azzjoni kienet proposta hazin, it-talba attrici f' dik il-kawza kienet *"sia il convenuto Galizia nomine condannato a depositare.."* u ma kienitx azzjoni proposta ghad-danni bhal dik in disamina. F' dan is-sens il-Qorti kienet osservat li fil-kaz li s-sekwestretarju stess jiddikjara li *"in ispreto al mandato pagato al sekwestrato l' ammonto gia' colpito dal sekwestro ……..l'azione che competerebbe al sequestrante non puo essere piu quella per la condanna del sequestratario a depositare l-ammonto sequestrato, bensi quella del risarcimento dei danni ed interesse".*[7] u

[4] Nota osservazzjonijiet fol.208
[5] Fol.209
[6] Vol.XXVIII.II.306
[7] Ibid. Sottolinear mizjud

kompliet tosserva li meta is-sekwestratarju jkun debitur fil-konfront tas-sekwestrat u jhallas lill dan in vjolazzjoni tal-mandat ta' sekwestru, il-pagament ma jkunx validu fil-konfront tal-kreditur sekwestrant li allura jista' jgieghel lis-sekwestratarju jerga' jhallas *"ma non gia costringere il sequestratario in tal caso' a depositare l'ammonto sequestrato".*

In effetti dak li qalet din il-Qorti fil-kawza imsemmija hu li f' kazijiet bhal dawk in disamina, l-azzjoni li tikkompeti lill-kreditur esekutant fil-konfront tas-sekwestratarju mhiex li tikkostringih jiddeposita s-somma, imma hija l-azzjoni ghad-danni, jew l-azzjoni diretta sabiex is-sekwestrarju jerga' jhallas. Fl-ebda stadju ma ntqal f' dik is-sentenza li l-kreditur esekutant ghandu jipprocedi a bazi ta' dak kontemplat fl-Artikolu 1155 [gia'861] u mhux a bazi tal-artikolu 376 [gia' 405]. Il-Qorti ma ghamlet ebda limitazzjoni f' dan is-sens, izda semmiet zewg rimedji li bil-ligi jispettaw lill-kreditur esekutant fil-kaz li, bhal dak in disamina, nonostante l-ordni tal-Qorti kontenuta fil-mandat ta' sekwestru biex timpedixxi l-passagg tal-flus li jkunu fil-pussess tas-sekwestratarju, dana xorta jivvjola l-obbligu legali tieghu u jhallas l-flus lis-sekwestrat [debitur tieghu] bi pregudizzju u b' dannu ghall-kreditur esekutant. U huwa proprju dan l-iskop tal-Artikolu 376 li jimponi li fil-mandat ghandu jitnizzel, *inter alia*, li *"s-sekwestratarju jigi mgieghel espressament li ma jhallasx jew li ma jaghtix lid-debitur jew lil haddiehor il-flus jew hwejjeg li jinsabu ghandu, that piena ta' hlas tad-danni u l-imghaxijiet"*[8] - minghajr ebda riferenza jew riserva ghad-dritt kontemplat fl-artikolu 1155 tal-kap.16. Minn dan jirrizulta car li f' kazijiet bhal dawn, il-legislatur, oltre r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 1155 tal-Kap.16, ried jghati rimedju iehor specifiku lill-kreditur esekutant li jsofri dannu minhabba li s-sekwestratarju jkun vjola l-obbligi legali tieghu. Dan ir-rimedju huwa azzjoni ghad-danni u imghaxijiet., liema rimedju u aktar ampju minn dak kontemplat fl-Artikolu 1155 tal-kap.16, ghax filwaqt li skond dan l-artikolu r-rimedju huwa limitat biss ghall-pagament tas-somma, ir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 376 huwa intiz biex jinkludi

[8] Sottolinear mizjud

fih, mhux biss il-pagament tas-somma dovuta izda anki danni konsegwenzjali.

In bazi tal-premess il-Qorti tosserva li fil-kaz in disamina l-atturi kellhom kull dritt jghazlu l-azzjoni diretta biex jirreklamaw id-danni sofferti minnhom minhabba l-azzjoni illegali tal-Bank konvenut; u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' dan il-konvenut hija insostenibbli u qed tigi micjuda bl-ispejjez.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-Bank konvenut hija fis-sens li l-Bank ma kellux f' idejh flus appartenenti lis-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited, stante li l-prezz tax-xiri dovut mill-Bank lil din is-socjeta', kien jikkonsisti fi flus tal-Bank u mhux tas-socjeta' venditrici u ghalhekk mhux soggetti ghas-sekwestru. Din il-Qorti tikkonsidera dan l-argument insostenibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan ghall-istess raguni moghtija mill-atturi u cioe' li "mal-mument tal-iffirmar tal-kuntratt dan l-ammont ma baqax jappartjeni lil Bank imma sar flus tas-socjeta' sekwestrata u konsegwentement soggett ghall-effetti tal-mandat" Dan huwa konfermat bid-delega moghtija mis-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited lill-bank konvenut biex, mill-prezz jhallas kredituri taghha, fosthom l-istess Bank of Valletta. Ghaldaqstant anki din l-eccezzjoni qeda tigi respinta bl-ispejjez.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-Bank hi fis-sens li l-atturi *"ma setghu qatt isofru danni"* stante li l-Bank hallas kredituri ipotekarji u privileggjati li d-drittijiet taghhom jippregradwaw dawk tal-atturi. In propositu l-Qorti tosserva li, anke jekk dan huwa minnu, il-provi juru li wara li thallsu dawn il-kredituri mill-Bank bis-sahha tal-imsemmija delega, xorta kien ghad fadal bilanc ta' circa Lm40,000 li gew moghddija mill-Bank lil John Dacoutros bhala Direttur tal-imsemmija socjeta'. Dan minn naha tieghu allega li sussegwentement hallas kredituri ohrajn, sa ma gie esawrit dan il-bilanc.

Minn dan jirrizulta car d-dannu li sofrew l-atturi, kemm meta l-bank in vjolazzjoni tal-obbligi tieghu ta' sekwetratarju hallas il-bilanc ta' Lm40,000 lis-socjeta'

Teknika, kif ukoll meta John Dacoutros, direttur ta' din is-socjeta' esawrixxa dan il-bilanc kollu billi hallas krédituri ohrajn. Rizultat ta' dawn il-manuvri l-atturi sofrew dannu evidenti konsistenti fil-fatt li l-flus dovuti lilhom u indikati minnhom fil-mandat ta' sekwestru, baqghu ma thallsux, u ma jidhirx li jistghu jithallsu mir-rikavat tal-bejgh. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli u qed tigi michuda bl-ispejjez.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Bank konvenut ssolleva li l-prezz tal-bejgh ma kienx kolpit bis-sekwestru stante li dan sar dovut mill-Bank wara li gie notifikat bl-ordni tas-sekwestru. In propositu l-Qorti tosserva li fil-fehma taghha l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 375 tal-kap.12 li ghalih saret referenza mill-konvenut, hija fis-sens li malli s-sekwestrarju jigi notifikat bl-ordni tas-sekwestru huwa ghandhu izomm jew jiddepozita dawk il-flus jew hwejjeg bizzjjed sabiex tithallas it-talba tas-sekwestrant. Din l-ordni tkopri kemm il-flus li jkollu fil-pussess tieghu dak il-hin, kif ukoll dawn li jigu fil-pussess tieghu anke wara, purche' il-mandat jkun ghadu jsehh. Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ispirtu tal-ligi intiza biex taghti rimedju effettiv lill kreditur biex jigbor minghand id-debitur dak li hu dovut lilu. *Aliter* u jekk l-obbligu tas-sekwestratarju jkun limitat biss ghall-flus jew hwejjeg li dan ikollu fil-pusses tieghu fil-hin tan-notifika, ikun facli hafna kemm ghas-sekwestratarju kif ukoll ghad-debitur li jeludu d-drittijiet tal-kreditur *multo magis* fejn is-sekwestrarju ma jkun Bank. Ghaldaqstant anke din is-sottomissjoni qed tigi rigettat minn din il-Qorti.

Illi rigward in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza is-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni li hi fis-sens li din is-socjeta' mhix il-legittima kontradittrici, il-Qorti tosserva li kawza odjerna hija azzjoni ghad-danni diretta kontra s-sekwestratarju ghal-hlas tas-somma indikata fil-mandat tas- sekwestru dovuta lill-atturi minn din is-socjeta'. Ghalhekk huwa car li l-Bank konvenut ghandu azzjoni ghar-regress kontra l-istess socjeta' ghal din is-somma u

danni konsegwenzjali kagjonati meta l-Bank vversa l-bilanc ta' Lm40,000 lill-istess socjeta' li minn naha taghha, ghalkemm allegat li hallset kredituri ohrajn, naqset minghajr raguni legalment valida u provata, li tisodisfa l-kreditu tal-atturi. L-interess guridiku tal-Bank konvenut li jsejjah fil-kawza lis-socjeta' Teknika Consult Marketing Limited, huwa f' dawn ic-cirkostanzi car u manifest, bil-konsegwenza li l-eccezzjoni minnha sollevata hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Illi t-tieni eccezzjoni hija simili ghat-tieni eccezzjoni tal-Bank konvenut, u qeda tigi respinta bl-ispejjez ghall-istess ragunijiet fuq esposti.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni tal-kjamata in kawza fis-sens li l-bank hallas kredituri ipotekarji u privileggjati li d-drittijiet taghhom jippregradwaw dawk ta' l-atturi, jigi rilevat, kif gia' fuq espost, li wara li thallsu l-kredituri indikati fil-kuntratt kien ghad fadal bilanc ta' Lm40,000 li gew versati lill-kjamata in kawza u li din allegat li hallset kredituri ohrajn. In propositu il-Qorti tosserva li f' dawn ic-cirkostanzi kien jinkombi fuq il-kjamata fil-kawza li jipprova sodisfacentement mhux biss l-esistenza ta' kredituri ohrajn, imma kellha tipprova wkoll li l-kreditu ta' dawn kien fil-fatt jippregradwa ghal dak tal-atturi, li dawn effettivament thallsu u li bilanc kollu thallas biex jissodisfa tali krediti. L-oneru ta' din il-prova jinkombi fuq il-kjamata fil-kawza li qeda tallegaha, skond il-principju fundamentali f' materja ta' prova li *onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat u quod gratis asseritur gratis negatur.* F' dan ir-rigward, ghajr l-allegazzjoni nuda u cruda tieghu l-imsemmi John Dacourtros ma gabx ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu li kien hemm kredituri ohrajn li "d-drittijiet taghhom jippregradwaw dak ta' l-atturi". Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qeda tigi michuda bl-ispejjez

**Danni**

Illi d-danni f' dan il-kaz jikkonsistu fl-ammonti ta' Lm838 sorte, Lm536.32 imghax legali mis-6 ta' Mejju 1991 sal-5 ta' Mejju 1999 u Lm492.94,6 spejjez skond taxxa ufficjali – b' kollox Lm1,867.26,6. L-ammonti li jwasslu ghal din is-

somma jinsabu dettaljatament indikati fil-mandat ta' sekwestru in parola, u dwarhom ma hemmx kuntrast. Ma' din is-somma trid tizdied s-somma ulterjuri ta' Lm56 rapprezentanti imghax mill-5 ta' Mejju 1999 sas-6 ta' Marzu 2000. Ghalhekk id-danni f' dan il-kaz ghandhom jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta' Lm1,923.266 oltre l-imghax legali fuq l-istess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet kollha tal-Bank konvenut u tal-kjamata fil-kawza, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti; u tiddikjara l-konvenuti in solidum responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi; tillikwida dawn id-danni fl-ammont komplessiv ta' elf disa mija tlieta u ghoxrin lira maltin, u sitta u ghoxrin centezmi [Lm1,923.26] u tikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamata in kawza *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi din is-somma; flimkien mal-imghax legali , mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, stante li il-*quantum* tad-danni kien *di facile liquidazione*. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------